MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2007

Numru 895/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Christopher Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Scerri, ta’ 26 sena, bin Ronald u Grace nee’ Micallef, imwieled Pieta’, nhar 11/09/78, residenti fil-fond numru Plot 12, Flat 2, Hal Mula Street, Zebbug, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 419778M gie akkuzat talli nhar id-19 ta’ Ottubru, 2004, ghal habta tad-disgha u nofs ta filghodu, il-belt Valletta minghajr il-hsieb li joqtol lil Mario

Camilleri jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car ipprova jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Mario Camilleri jew igib dizordni f'mohh l-istess Mario Camilleri u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi xejjer diversi daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta lejn il-partijiet vitali tal-gisem ta' l-imsemmi Camilleri, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, huwa zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

U aktar talli l-istess post, data u hin, kisru il-bon-ordni u paci pubblika, b'ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi,

Ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi uza apparat tat-telekomunikazzjoni ghal ghanijiet li ma kinux dawk ipprovduti ghalih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35 1(d), ta' l-Att numru XXXIII ta' l-1997 u cioe' Att biex jirregola it-telekomunikazzjoni,

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 22 ta' Lulju, 2005 (ara fol 43 tal-Process) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Dan il-kaz jirrigwarda allegat tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Mario Camilleri da parti tal-imputat Christopher Scerri fid-19 ta' Ottubru, 2004 ghal habta tad-disgha u nofs ta' filghodu, il-belt Valletta, kif ukoll li l-imputat fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b'ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi u uza

apparat tat-telekomunikazzjoni ghal ghanijiet li ma kinux dawk ipprovduti ghalih.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Mario Camilleri moghtija fis-Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004 fejn dan ix-xhud qal:
"Jiena nixtieq nghid li ghal kull buon fini lill-imputat qieghed nahfirlu. In kwantu dak li sehh fid-19 ta' Ottubru, 2004, nghid illi jien kont qieghed fil-*car park* flimkien ma' missieri u kien hemm l-imputat Christopher Scerri, li qed naghrfu prezenti fl-Awla, li lilu jiena kelli ntih il-flus u nghid jiena kont ili nghidlu li jiena kont se ntihomlu pero' dak il-hin jiena l-flus ma kellux fuqi.

Nghid illi jiena li nnutajt dak il-hin kienet qisha injama li nghid illi ma kenitx sikkina, u kien hemm argument u huwa beda jigri warajja. Nghid f'hin minnhom huwa kien lahaqni, gibidni mill-flokk u tani bl-injama. Nghid illi jiena lill-Pulizija ghidtilhom li lili kien tani b'sikkina. Nghid effettivament pero' issa irrealizzajt li dik kienet injama. Nghid il-flokk li kelli gie mzarrad. Nghid lili l-imputat lili kien gibidni mill-flokk u nghid illi lili mbaghad kien laqatni bl-injama u ma nafx precizament kif spicca biex izzarradli l-flokk.

Nghid in kwantu ghat-tul ta' din l-injama, li niftakar kienet qisha fiha xi sitt (6) pulzieri, pero' kif kienet ma niftakarx.

Qed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur stante li din kienet injama jekk l-injama zghira ta' sitt (6) pulzieri kif jiena bzajt u hrabt minn fuq il-post meta dan kulma kellu f'idejh kienet injama ta' sitt (6) pulzieri. Nghid jiena dak il-hin bzajt ghax innutajt li l-imputat kellu xi haga f'idu u ma kontx naf x'inhi. Nghid illi jiena wasalt ghall-konkluzjoni li din kienet injama u mhux sikkina nghid ghaliex peress li hu laqatni biha din il-haga kieku kienet sikkina kien jaghmilli xi haga, ghalhekk wasalt ghall-konkluzzjoni li kienet injama u mhux sikkina.

Nghid jiena gejt milqut fuq in-naha ta' wara ta' spallti fuq in-naha tax-xellug. Dak il-hin jien kont liebes il-flokk. Jien dak il-hin li gejt milqut fuq in-naha ta' wara ta' dahri fuq in-

naha tax-xellug, jien dak il-hin ma niftakarx jekk il-flokk kienx diga' gie imzarrad jew le." (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-istess xhud Mario Camilleri fl-istess Seduta qal: "Nikkonferma li jiena f'din il-kollutazzjoni ma sofrejt l-ebda griehi u lanqas kelli brix. Nghid illi jiena lill-Ispettur Josric Mifsud meta kellimtu kont ghidtlu illi ma kenitx mus u setghet kienet injama. Nghid jiena demm ma harigli minn imkien. Nghid illi lili l-imputat ghajjat kemm kemm li smajtu sew, fis-sens li qalli biex ingiblu l-flus. Jiena ma smajtx lill-imputat jidghi jew jitkellem hazin."(Sottolinjartal-Qorti).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Antonio Camilleri li fis-Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004 qal: "Jiena nigi missier Mario Camilleri. Nghid illi fid-19 ta' Ottubru, 2004 jien kont qieghed gol-*car park*, u dana ghad-disgha u nofs ta' filghodu (9:30a.m.). Dak il-hin ibni Mario kien qieghed fejni. Nghid gie certu Chris, li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla, u dan gie bil-van. Nghid ibni dana kellu jtih elf u sitt mitt liri Maltin (Lm1,600), dan Chris qal lil ibni biex itihomlu ghax iridhom issa. Imbaghad l-imputat fetah il-bieba tal-van. Nghid innutajt li dana kellu xi haga f'idu li setghet kienet jew injama jew inkella mus. Nixtieq nghid ukoll illi jiena jekk kienet injama, dina nghid illi kellha xi musmar ghaliex il-flokk ta' ibni kie gie imcarrat.

Imbaghad nghid, nghid illi mbaghad ibni telaq jigri u warajh telaq jigri l-imputat. Nghid illi jiena ghall-ewwel nghid l-imputat smajtu jghid bil-kalma lil ibni biex itih il-flus u mbaghad nizel, u kif ghidt dana nizel b'xi haga f'idu, u mbaghad rajt lil ibni jitlaq jigri u dan l-imputat jigri warajh. Nghid jiena mbaghad tlaqt lejn l-Ghassa, nghid li mieghi tela' ukoll ibni l-Ghassa ghax kien ghaddej Surgent u dana tana *lift* sa l-Ghassa.

Jiena mbaghad mort lura fuq il-post ta' l-incident f'xi s-siegha ta' wara nofs in-nhar (1:00 p.m.) u l-van ta' l-imputat ma kienx ghadu hemm. Nghid innutajt illi fuq il-flokk tat-tifel, u dana fuqa in-naha ta' wara dahru, kellu ticrita fuq il-flokk.

Nixtieq nippreciza illi jiena fil-hin illi imbaghad it-tifel telaq jigri u warajh telaq jigri l-imputat, jiena bqajt fuq il-post u mbaghad ibni gie rritorna lura pero’ l-imputat ma rritornax lura u sa dak il-hin nghid illi l-van ta’ l-imputat kien ghadu fuq il-post, imbaghad ahna tlaqna lejn l-Ghassa, jien u ibni, u kif ghidt tana Surgent tal-Pulizija *lift* ghall-Ghassa.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward l-ewwel akkuza il-Qorti hi tal-fehma li minn dak li xehdu Mario Camilleri u missieru Antonio Camilleri kif riportati hawn fuq f’din is-Sentenza l-ewwel akkuza kif dedotta ma tirrizultax u lanqas ma jirrizulta r-reat minuri li hu kompriz u involut u cioe dak li jinkwadra ruhu fl-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inkwantu ghat-tieni akkuza il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax sufficjentement ippruvata. Difatti mid-deposizzjonjiet taz-zewg xhieda Mario Camilleri u Antonio Camilleri jemergi dubbju dwar ezattament x’kien l-oggett li uza l-imputat fil-konfront ta’ Mario Camilleri.

Rigward it-tielet akkuza il-Qorti tosserva li din l-akkuza effettivament tikkomprendi zewg reati ta’ natura kontravenzjonali u cioe’ l-ewwel reat li hu dak kontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u it-tieni reat hu kontemplat fl-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inkwantu ghar-reat ta’ ksur ta’ bon ordni u paci pubblika (artikolu 338(dd) Kap. 9) fil-fehma tal-Qorti tali reat jirrizulta sodisfacentement ippruvat.

F’dan ir-rigward ticcita bran mid-deposizzjoni ta’ Mario Camilleri (Seduta tas-26 ta’ Ottubru, 2004) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: “Nghid illi jiena li nnutajt dak il-hin kienet qisha injama, li nghid illi ma kenitx sikkina, u kien hemm argument u huwa beda jigri warajja. Nghid f’hin minnhom huwa kien lahaqni, gibidni mill-flokk u tani bl-injama.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Rigward ir-reat l-iehor inkluz fit-tielet akkuza u cioe' dak kontemplat fl-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li dan ir-reat ma jirrizultax. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal bran mill-kontro-ezami tax-xhud Mario Camilleri (Seduta tas-26 ta' Ottubru 2004) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: "Jiena ma smajtx lill-imputat jidghi jew jitkellem hazin."

Rigward l-ahhar akkuza li hi nkwadrata fl-artikolu 35(1)(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta u li tirrigwarda l-uzu ta' apparat tat-telekomunikazzjoni ghal ghanijiet li ma kinux dawk ipprovduti ghalih, il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti tali akkuza ma tirrizultax.

Rat l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost ma ssibx lill-imputat Christopher Scerri hati tal-ewwel akkuza stante li din l-akkuza kif dedotta ma tirrizultax u ghalhekk minnha tilliberah, inkwantu ghat-tieni akkuza ma' ssibx lill-imputat Christopher Scerri hati ta' din l-akkuza stante li din l-akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u ghalhekk minnha tilliberah, rigward it-tielet akkuza nkwantu ghar-reat kontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Christopher Scerri hati ta' din l-akkuza u tikkundannah ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda u nkwantu ghar-reat l-iehor fl-istess tielet akkuza u cioe' dak kontemplat fl-artikolu 338(bb) u 342 ma ssibx lill-imputat Christopher Scerri hati ta' din l-akkuza stante li ma tirrizultax u ghalhekk minnha tilliberah, u rigward l-ahhar akkuza, li hi nkwadrata fl-artikolu 35(1)(d) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat Christopher Scerri hati ta' din l-akkuza stante li ma' tirrizultax u ghalhekk minnha tilliberah.

Finalment il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Christopher Scerri b'obligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------